3 ta' Marzu, 1951.
Imħallef:
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
Il-Pulizija *versus* Giovanni Catania et.

**Ġlied u Storbju — Offiżi — Art. 352 (bb) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk diversi persuni jieħdu parti fi storbju u ġlied fejn xi ħadd isofri offiżi, b'mod li dawk il-persuni jkunu kkontribwew biex ikomplu jsaħħu r-riżoluzzjoni kriminuża ta' dawk fosthom li kkaġunaw dawk l-offiżi, huma ħatjin ukoll ta' dawk l-offiżi.*

Fuq ir-rinviju ta' l-Attorney General tal-11 ta' Diċembru 1950, ta' l-attijiet tal-kumpilazzjoni, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tiddeċidi fuq l-akkuża talli l-imputati, fin-Naxxar, fl-20 ta' Lulju 1950 f'xi d-9 p.m., iddisturbaw l-ordni publiku, u naultaw, heddu u sawtu lil Giuseppe Muscat ta' 64 sena, u għamlulu offiża ta' natura gravi, dik il-Qorti, b'sentenza tad-19 ta' Jannar 1951, wara li rat l-art. 251 (c), 230 (1) (d), u 352 (bb) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputati fuq it-tieni kap ta' l-akkuża ħatja talli fi ġlieda aċċidentali ħadu parti attiva, u b'hekk safa' offiż gravement Giuseppe Muscat; iżda minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-kondotta tajba preċedenti ta' l-imputati, illiberathom taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali; u fuq l-ewwel kap ta' l-akkuża sabithom ħatja ta' distorbju, u kkundannathom £1 ammenda kull wieħed;

L-imputati kollha, barra Joseph Gauci, appellaw minn dik is-sentenza quddiem dina l-Qorti;

Il-Qorti semgħet bil-ġurament mill-ġdid lill-appellanti, rat l-attijiet tal-kawża, u semgħet l-avukati;

Mill-provi rriżulta li fl-20 ta' Lulju 1950, f'meeting fin-Naxxar, Giuseppe Muscat, kandidat elettorali tal-Partit ta' Dr. Boffa, għamel diskors fejn qal xi diskors offensiv kontra l-kandidat Nazzjonalista Nutar Spiteri............... L-imputati huma qraba ta' din il-familja. Dik il-lejla l-appellanti, flimkien ma' Joseph Gauci, rikbu f'karrozza privata misjuqa mill-appellant Catania u marru fi New Street, in-Naxxar, u waqfu ħdejn l-ewwel fanal tat-triq, niżlu mill-karrozza, u waqfu ħdejn is-sigar............ Sadattant kien ġej mill-każin

tar-raħal Giuseppe Muscat, akkompanjat minn Ġanni Chetcuti u Anġlu Chetcuti, u x'ħin dawn it-tlieta tfaċċaw fi New Street, fid-direzzjoni ta' ħdejn l-imputati, kien hemm ġegwiġija ta' nies, rġiel, nisa u tfal, sejrin wara dak Muscat, jgħajtu u jinsolentawh, u anki jwaddbulu l-ġebel. X'ħin Muscat qorob lejn l-imputati, dawna marru fuqu u fuq iż-żewġ Chetcuti............ Joseph Gauci ħataf lil Muscat minn driegħu u qallu li ried ikellmu, u li għalhekk kien qiegħed hemm (dep. Muscat fol. 16), u mbagħad resqu l-appellanti. Joseph Gauci beda jsawwat lil Muscat, u milli jidher nies oħra kompliew miegħu, u Muscat spiċċa biex waqa' fl-art u qala' anki daqqiet ta' sieq minn ħadd ieħor, barra daqqiet ta' sieq minn għand wieħed mill-appellanti (ibid.). Anġlu Chetcuti ra lil tnejn mill-imputati jsawtu lil Muscat (fol. 18). Intant Muscat safa' midrub gravement, u wara miexxielu jiżgiċċa;

Minn dan li ntqal jidher li, kuntrarjament għal dak li xehdu l-appellanti, dawn marru jistennew apposta u ħebbu għal Muscat, waqt li dan kien insegwit minn ġemgħa ta' nies ostili; u dana juri l-prekonċert ta' l-aggressjoni preċedenti għall-aggressjoni tal-folla. Evidentement l-appellanti u l-imputat l-ieħor kienu rriżentew l-insult publiku li Muscat kien għamel lill-familja tagħhom meta f'meeting publiku, attakka n-Nutar Spiteri..............; u Joseph Gauci beda l-aggressjoni meta bil-herra u minaċċjożament mar fuq Muscat, qabdu minn driegħu u qallu li ried ikellmu fil-preżenza tal-folla ostili;

Huwa veru li l-provi l-aktar sodi juru lil Joseph Gauci bħala l-aggressur prinċipali, iżda miegħu kien hemm ukoll l-appellanti, u tnejn minnhom ħadu parti attiva anki fis-swat; u ħadd minnhom ma ta ajjut lil Muscat, lanqas meta dan kien fl-art; u dana juri li kienu lkoll ħaġa waħda flimkien, u li bil-preżenza tagħhom f'dawk iċ-ċirkustanzi, bil-mod kif kienu akkompanjaw lil dawk fosthom li sawtu lil Muscat, u resqu magħhom, ikkontribwew biex ikomplu jsaħħu r-riżoluzzjoni kriminuża ta' dawk fosthom li sawtu lil Muscat, u għalhekk huma ħatjin ta' l-offiża li biha safa' midrub Muscat;

U tabilħaqq, kif huwa ritenut fil-ġurisprudenza Ingliża: "It is submitted that the true rule of law is that, where se-

veral persons engage in the pursuit of a common unlawful object, and one of them does an act which the others ought to have known was not improbable to happen in the course of pursuing such common unlawful object, all are guilty" (Russel, On Crime, Vol. 2, p. 1855, 10th. edition). Iċ-ċirkustanzi li rriżultaw jeskludu t-teżi ta' l-appellanti li huma sabu ruħhom fil-post u ma' l-aggressur prinċipali Joseph Gauci accidentalment; u l-Qorti ma temminhomx;

Għa' dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-appellanti, u tikkonferma s-sentenza appellata.

---